MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Numru. 186/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Helga Debono)**

**vs**

**Yahia Ayed Ibrahim Issa ta’ 26 sena, iben Ayed u Fatima nee Baroni, mwieled Tripoli fil-21 ta’ Novembru, 1976, detentur ta’ passaport Libjan D420329.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Yahia Ayed Ibrahim Issa li gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fi Frar tas-sena 2003 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzoni wahda:

(a) talli bi hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni li taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt li ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, billi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ngann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ried jaghmel qliegh ta' 100 Dollaru Amerikani ghad-dannu tal-Bank of Valletta u persuni ohra u dan billi pprezenta Visa Traveller cheque lil Bank of Valletta u dan bi ksur ta' l-Artikoli 41, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Ukoll talli xjentement laqa' ghandu jew xtara oggett misruq, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, sew jekk dan sar barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghu jew imexxih u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-ammissjoni tieghu irregistrata fis-seduta tal-llum 12 ta' Marzu, 2003.

In vista ta' l-ammissjoni qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, rat l-artikli 41, 308, 309, 334 u 17 tal-Kap 9 u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn wara li rat l-Art 28A tal-Kap 9.

--------------------------------TMIEM--------------------------------